**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-03 ta' Frar, 2017.**

**Talba numru 289/2016 AM3**

**Lista Numru: 47**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Skyparks Business Centre,**

**Malta International Airport**

**Luqa**

**Vs**

**Waves Limited (C61252)**

**1 Block C, Belmonte Heights,**

**St Ignatius Street,**

**Sliema**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-02 ta' Awwissu, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand is-socjeta konvenuta tas-somma ta' elfejn hames mija u erbgha u tletin ewro u disgha u hamsin centezmu

(€2,534.59c) liema somma huwa in konnessjoni ma' servizzi u prodotti provduti lill-istess Socjeta' konvenuta mis-Socjeta attrici migbura fil-kont numru 1.11006366.

Peress li s-Socjeta' attrici a fol 2 pprezentat l-affidvat ta' rapprezentant tas-Socjeta' attrici Jeremy Debono li fost ohrajn iddikjara li l-ammont ghadu dovut.

Ra li mill-atti jirriżulta li s-Socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bit-talba, u bl-avviz u bl-affidavit tar-rapprezentant tas-Socjeta' attrici izda ma deher hadd mis-Socjeta' attrici biex jikkontesta t-talba fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2017 u ghalhekk dan it-Tribunal iddikjara l-provi maghluqa.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn hames mija u erbgha u tletin ewro u disgha u hamsin centezmu (€2,534.59c) bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tas-Socjeta' konvenuta

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**